# Wirja li tfakkar l-arti u l-ħajja ta' Frank Portelli inawgurata f'MUŻA

Heritage Malta

**Stqarrija | 9 ta' Diċembru 2022**

Frank Portelli (1922-2004), li kien pijunier fl-iżvilupp tal-arti moderna u kontemporanja f'Malta, kien jagħlaq mitt sena fl-2022 kieku għadu magħna. Sabiex tfakkar lil ħajtu u lill-arti tiegħu, Heritage Malta qed tistieden lill-pubbliku għal wirja ta' wħud minn xogħlijietu li ġiet inawgurata llum fil-Camerone ta' MUŻA u li se tibqa' għaddejja sat-8 ta' Jannar.

Portelli għamel isem għalih innifsu mhux biss bħala artist iżda wkoll bħala interior designer u disinjatur ta' pitturi fuq il-ħitan, bolol, posters, u karrijiet u maskri tal-Karnival. Għal din il-wirja, il-familja ta' Portelli għażlet li tippreżenta aspetti differenti tal-karriera tal-artist, mix-xogħlijiet bikrin tiegħu tas-snin 40 sal-aħħar disinji li għamel fl-istess sena li miet.

Fost l-esebiti hemm diversi ritratti li l-artist pitter bejn is-snin 40 u l-bidu tas-snin 50. Uħud minnhom għandhom stil romantiku filwaqt li b'kuntrast, ir-ritratt *Portrait of Antoine* (datat 1951) inħadem bi stil semikubist li jirrifletti x-xejra li kienu se jieħdu xogħlijiet oħra tal-artist fil-ġejjieni immedjat.

Taqsima oħra tal-wirja hija dedikata lill-maskri u l-kostumi tal-Karnival. Din is-sezzjoni tinkludi maskra grotteska li kienet intużat fil-karnival *Joyous* u li hija eżempju ta' teknika innovattiva adottata minn Portelli meta introduċa l-wajer tal-aluminju u strixxi tal-bambù biex joħloq il-qafas tal-maskra.

Parti oħra important fil-wirja hija dik dedikata lill-interior design, fejn ħafna mix-xogħlijiet qatt ma ġew esebiti qabel. Dawn jinkludu disinji kummerċjali għal Coleiro Wine Tavern, Metropole Hotel Tavern u r-restorant f'Manoel Island tal-HMS Phoenicia, li lkoll imorru lura sa bejn tmiem is-snin 50 u s-snin 60. Impressjoni artistika tal-kumpless tat-Teatru Astra fir-Rabat, Għawdex, tinsab għall-wiri wkoll.

Ma jistax jonqos li d-disinji ta' Portelli għal posters u bolol jingħataw post prominenti fil-wirja. Fost dawn hemm il-poster tal-Ġimgħa Mqaddsa tal-1955, il-poster tal-Malta Tourism għall-istess sena, u żewġ buzzetti differenti li t-tnejn jirrappreżentaw il-bolla Europa '76. Jistgħu jiġu ammirati wkoll tpinġijiet għax-xenografija tal-Pageant ta' San Pawl, li sar fl-Empire Stadium fil-Gżira fl-1960.

Frank Portelli kellu sehem kruċjali fl-iżvilupp tal-arti fuq il-ħitan f'Malta. F'din il-wirja kommemorattiva, il-viżitaturi għandhom l-opportunità li jaraw sensiela ta' tpinġijiet f'dan ir-rigward, fosthom dik bl-isem *Misericordia* (datata 2004) li Portelli ma laħaqx lesta qabel miet. *The Triumph of Neptune* (datata 1960) tinsab għall-wiri wkoll. Din ġiet akkwistata dan l-aħħar minn MUŻA u bħalissa qed tiġi restawrata mid-Dipartiment tal-Konservazzjoni ta' Heritage Malta.

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

Minbarra dan kollu, fil-wirja wieħed jista' jara wkoll żewġ pitturi mis-sensiela importanti *Contours* u diversi oġġetti personali tal-artist, fosthom il-kavalletti li kien juża.

Fis-16 ta' Diċembru f'MUŻA se ssir ukoll taħdita dwar Frank Portelli.

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta